MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Numru 381/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Geoffrey Azzopardi)**
**vs**
**Fiacal Mahouachi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fiacal Mahouachi ta' 37 sena, bin Mahdi Ben Ali Ben Salah u Ben Mashou Macuia Bent Jilani nee' Amor, imwieled El Omrane, Tunezija nhar l-1 ta' Frar, 1967, residenti 14, Flat 5, Sqaq il-Bandolier, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 369294M;

Talli fl-10 ta' Mejju, 2004 ghall-habta tad-9.00pm f'Haz-Zabbar ikkometta serq ta' telefon cellulari, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elf lira, sar ghad-dannu ta' Clayton Camenzuli minn Haz-Zabbar;

U aktar nakkuzah talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Clayton Camenzuli u lil Andre Vella, it-tnejn minn Haz-Zabbar;

Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kkommetta l-imsemmi delitt, kellu fil-pusess tieghu jew fuqu arma regolari u cioe' mus;

U aktar nakkuzah talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tjew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma regolari, u cioe' mus, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Nakkuzah aktar talli bejn l-10 u l-11 ta' Mejju, 2004 f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara oggett, u cioe' t-telefon cellulari msemmi aktar 'l fuq, misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh;

Fl-ahhar nett nakkuzah talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 30 ta' Gunju, 1995, 20 ta' Jannar, 1998, 10 ta' Novembru, 2000, 28 ta' Marzu, 2001 u 10 ta' Gunju, 2003, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, kif ukoll bi ksur ta' Probation a tenur ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 14 ta' Mejju, 2003 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Ra r-rinviju tal-avukat generali tal-31 ta' Mejju, 2005 (fol 211) li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 261(a)(b)(c) u (f), 262 sa 267, 270, 278, 330, 279(b), 280, 281, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9; 3, 13, 19, 25, 23, 26 u 27 tal-Kap 66 u 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 t'Ottubru 2012 (fol 224) fejn l-imputat iddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li kaz kontra tiehu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunisdrat:

Illi dan il-kaz jirrisali ghall-10 ta' Mejju 2004 meta l-imputat allegattament waqqaf zewg persuni ta' sittax-il sena u ha t-telefon cellulari ta' wiehed minnhom taht theddid b'sikkina f'kaz li ma jikkoperawx. Il-kawza ghamlet zmien wieqfa stante li l-imputat kien harab minn dawn il-gzejjer u regghet ssoktat wara r-ritorn tieghu. In succint, wara rapport maghmul mis-sid tat-telefon cellulari gdid li dan kien insteraqlu bil-mod kif fuq spjegat, il-Pulizija traccat l-istess telefon li kien fil-pussess ta' persuna minorenni ohra li minn naha tieghu qal li kien appena xtrah minghand l-imputat. Kien ghalhekk li l-imputat kien interrogat u migjub quddiem din il-Qorti;

L-Ispettur Geoffrey Azzopardi xehed kif zewg persuni ta' hmistax-il sena kienu rrapuratw li waqt li kienu fi grupp ta' tlieta fi Triq San Pius, Haz-Zabbar, persuna heddidhom b'mus jew sikkina u ha l-*mobile phone* ta' wiehed minnhom. Id-derubat provda n-numru serjali tat-telefon lill-Ispettur kif ukoll il-kaxxa tieghu peress illi kien ghadu kemm jixtri dan l-apparat u minn hemm is-Service Provider informa lill-Pulizija li dan it-telefon kien qed jintuza b'numru iehor. Minnufih l-pulizija traccaw il-persuna li kienet fil-pussess ta' dan it-telefon, liema persuna kienet ukoll minorenni u missieru spjega lill-Ispettur li ibnu kien ghadu kemm xtara t-telefon ftit sighat qabel. Dan kollu wassal ghall-arrest tal-imputat fejn fuq il-persuna tieghu instabet karta zghira b'numru tat-telefon fuqha. Jemergi illi din il-persuna kienet ikkontattjata minn fuq it-telefon misruq u rrizulta illi dan in-numru kien jappartjeni lit-tfajla tal-istess imputat. Jemergi ukoll illi minn fuq dan it-telefon kienet saret telefonata lejn it-Tunezija;

A fol 142 hemm registrata deposizzjoni ta’ persuna li kkonfermat illi sa xahar qabel, jigifieri sa Marzu 2005, kienet it-tfalja tal-imputat. Hija provdiet ukoll in-numru tal-telefon taghha lill-Qorti sabiex ikun jista’ jsir konfront mal-assjem tal-provi. Dan in-numru kien paragonat mal-*call listing* provdut mir-rapprezentant tal-kumpanija Go plc u juri li kien kontattjat mit-telefon tad-derubat ghall-198 sekonda nhar l-10 t’April 2004 fil-21:56:45;

Id-deposizzjoni tad-derubat ttiehdet l-ghada minn perit legali nominat minn Magistrat Inkwirenti sabiex jassisti fl-inkjesta. Dan xehed illi fl-10 ta’ Mejju 2004 kien flinkiem ma habib tieghu meta ghall-habta tad-9.30pm ghaddiet persuna minn warajhom li ghall-ewwel baqghet sejra izda regghet daret lura u marret fuq siehbu u pponta mus lejh. Kompla jghid illi din il-persuna hadet it-telefon u telqet tigri u harbet ghall-gewwa sqaq. It-telefon tieghu kellu valur ta’ Lm160. Quddiem din il-Qorti d-derubat kkonferma li kien qed jaghraf lill-imputat bhala l-persuna li waqqfu u hadlu t-telefon u li gieli innutah jistenna l-karozza tal-linja l-Belt. Huwa kkonferma ukoll illi t-telefon esebit in atti kien jappartjeni lilu u kkonferma li r-ricevuta/garanzija esebita a fol 59 hija tal-istess telefon . Din il-garanzija turi li t-telefon kien inxtara fis-6 ta’ Mejju tas-sena 2004;

Sieheb id-derubat ikkonferma illi fil-hin tal-agressjoni, l-imputat kellu mus f’idu l-leminija u qallu “tini l-mobile jew noqtlok” (fol 30). Dan ix-xhud gharaf ukoll lill-imputat bhala l-agressur (fol 73) u ma kellu l-ebda dubju mill-identita’ tieghu. Dan kien ukoll konfermat mit-tielet persuna fil-grupp (fol 31) li qal li dak il-hin kienu t-tlieta qed jilghabu bl-*iskateboard* u d-derubat kien qed jiehu xi ritratti bit-telefon tieghu;

Ezaminati dawn il-fatti kollha tal-kaz, jirrizulta illi l-imputat kien il-persuna responsabbli ghas-serq tat-telefon tad-derubat li ftit wara bieghu lil terzi. Issa d-difensur tal-imputat enfasizza fis-sottomissjonijiet finali tieghu illi l-istess imputat kien ammetta fl-istqarrija tieghu lill-pulizija illi kien hu li hataf it-telefon tad-derubat u telaq jigri bih, izda l-prosekuzzjoni ghazlet li takkuzah b’sekwestru ta’

persuna u b'serq, b'uzu ta' arma regolari u dan qed ikun michud mill-imputat;

Dwar l-offiza ta' sekwestru ta' persuna *per se* tajjeb li jinghad illi minkejja li l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat quddiem din il-Qorti b'din l-akkuza, fir-rinviju tieghu, l-avukat generali ma indikax l-artikolu 86 tal-Kap 9 li jirraviza dan ir-rejat. L-avukat generali, izda, indika l-artikolu 261(a) tal-Kap 9, jigifieri serq aggravat, fost ohrajn, b'sekwestru ta' persuna jew b'theddid ta' omicidju. L-ewwel aggravju koncernanti sekwestru ta' persuna mhux qed ikun konsiderat minn din il-Qorti stante li l-avukat generali ma ra xejn fl-agir tieghu li jista' jammonta ghall-sekwestru skond l-artikolu 86 ta' Kap 9 tant illi minkejja li l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat b'din l-akkuza, l-avukat generali ommetta l-istess mill-artikoli. Dak li ser ikun konsiderat, invece, huwa l-aggravju ta' serq b'theddid ta' omicidju;

Il-kwistjoni li temergi ghalhekk hija dwar jekk tlett persuni ta' 15-il sena hassewhomx mhedda meta ordnati jirrilaxxaw it-telefon ta' wiehed minnhom fuq theddid ta' qtil b'oggett li deherilhom li kienet sikkina, ossia mus. Dwar dan, il-Qorti ghandha biss il-verzjoni tat-tlett minorenni. Wiehed minnhom xehed illi l-mus kien tal-manku tal-injam "qisu dawk tal-marka "King Chief" (fol 38). Il-minorenni l-iehor ikkonferma li l-imputat kellu mus f'idejh waqt li t-tielet wiehed jikkonferma li sema l-kliem "noqtlok". Il-Qorti m'ghandhiex ghaliex ma temminx lix-xhieda tal-prosekuzzjoni la darba mhux kontradetti u ma hemm ebda cirkostanza ohra li ghandha timmilita kontra l-verzjoni taghhom. Jikkonsegwi ghalhekk illi hawn si tratta ta' tlett minorenni ta' 15-il sena li meta konfrontati minn persuna armata u b'theddida li joqtolhom, ma kellhom ebda triq ohra hlief li jarrendu ghall-malvivent tant li l-imputat telaq minn fuq il-post biss wara li d-derubat cedielu t-telefon. Ghalhekk jirrizultaw l-aggravji ravvizati fl-artikolu 261(a) u (b) tal-Kap 9. Stante li dan ir-rejat sehh fid-9.30pm, jirrizulta ukoll l-aggravju fl-artikolu 261(c) kif ukoll dak fl-artikolu (f) stante illi t-telefon in kwisjtoni kellu valur ta' Lm160 jigifieri €372.69. Dwar dan irid jinghad illi l-avukat generali indika ukoll l-artikolu 279(b) bhala l-artikolu

applikabbli ghall-piena konsegwenza tas-sejbien ta’ htija fl-artikolu 261(c) u hawn m’ghandux ragun ghaliex dan l-artikolu jitratta dwar valur ‘l fuq minn €2329.37. L-avukat generali kellu minflok jindika l-artikolu 279(a);

Din il-Qorti ma tistghax ma tikkummentax dwar l-mod konfuzjonali tal-artikoli indikati fir-rinviju tal-31 ta’ Mejju 2005 ghaliex oltre dak fuq rilevat, l-imputat intalab ukoll iwiegeb ghar-rejat ta’ dhul b’abbuz fi djar, jigifieri l-artikolu 330 tal-Kap 9 meta dan l-allegat agir ma jiccentra assolutament xejn fil-kaz in dizamina;

L-artikolu 334 tal-Kap 9, ukoll indikat mill-avukat generali, jidher illi huwa kap alternattiv ghal dak ta’ serq stante li dan l-artikolu jitratta dwar ricettazzjoni. La darba l-imputat qed jinstab hati ta’ serq ta’ telefon, ma jistghax issa jkun misjub hati, fl-istess waqt u dwar l-istess oggett jigifieri ta’ ricetazzjoni tal-istess telefon;

Kwantu ghall-ksur tal-artikoli 3, 13, 19, 25, 23, 26 u 27 tal-Kap 66, tirrileva illi dan il-Kap kien abolit u sostitwit bil-Kap 480 b’dan illi l-Kap 66 kien salvat bis-sahha tal-artikolu 66 kull fejn hemm proceduri pendenti quddiem il-Qrati. Ma dana kollu, u ghal darb’ohra, l-artikoli 3, 23 u 25 ma jinkwadrawx fil-procedura odjerna u ghalhekk mhix qed tinstab htija kwantu dawn l-artikoli. Stante illi kien pruvat illi l-imputat wettaq din is-serqa bl-uzu ta’ sikkina, qed tinstab htija ghal dak ravvizat fl-artikoli 13, 19, 26 u 27 tal-Kap 66 kif salvat bl-artikolu 66 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta’;

Konsegwenza tas-sejbien ta’ htija kif fuq spjegat, tirrizulta ukoll r-recediva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9;

Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-waqt illi mhix qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi ravvizati fl-artikoli 279(b) u 334 tal-Kap 9, u 23 u 25 tal-Kap 66, qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha;

Wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c) u (f), 262 sa 267, 270, 278, 330, 279(a), 280, 281, 289, 49, 50, 31, 20 u 533 tal-

Kap 9; artikoli 13, 19, 26 u 27 tal-Kap 66 u 7 u 23 tal-Kap 446;

Wara li rat il-fedina penali raffrettarja tal-imputat;

Qed tikkundanna lill-hati ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar mil-lum, jigifieri l-piena mizjuda bi grad skond il-ligi. Inoltre tordna lill-hati ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------